

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 552/2007**  
**tat-22 ta' Mejju 2007**

li jstabbilixxi l-kontribuzzjoni massima tal-Komunità għall-iffinanzjar ta' programmi ta' ħidma fis-settur taż-żejt taż-żebuga u għall-iffissar, għall-2007, tal-limiti finanzjarji għall-implimentazzjoni sħiħa jew parzjali ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku u tal-pakketti finanzjarji annwali għall-Iskema ta' Pagament Uniku, stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, u li jemenda dak ir-Regolament

(ĠU L 131, 23.5.2007, p. 10)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2007 tad-29 ta' Ottubru 2007	L 284	11	30.10.2007
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 329/2008 ta' 1-10 ta' April 2008	L 101	7	11.4.2008



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 552/2007**

**tat-22 ta' Mejju 2007**

**li jistabbilixxi l-kontribuzzjoni massima tal-Komunità għall-iffinanzjar ta' programmi ta' ħidma fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa u għall-iffissar, għall-2007, tal-limiti finanzjarji għall-implimentazzjoni sħiħa jew parzjali ta' l-Iskema ta' Pagament Uniku u tal-pakketti finanzjarji annwali għall-Iskema ta' Pagament Uniku, stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, u li jemenda dak ir-Regolament**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 64(2), 70(2), 110i(3) u (4), 143b(3) u 145(i) tagħhom,

Billi:

- (1) Għall-Istat Membru li jimplementa l-Iskema ta' Pagament Uniku stabbilita f'Titlu III tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fl-2007, il-limiti baġitarji għal kull pagament, imsemmija f'Artikoli 66 sa 69 ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu f'fissati għall-2007 taħt il-kundizzjonijiet stipulati f'Sezzjoni 2 ta' Kapitolu 5 ta' Titlu III ta' dak ir-Regolament.
- (2) Għall-Istati Membri li jużaw, fl-2007, l-għażla stabbilita bl-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-limiti baġitarji applikabbli għall-pagamenti diretti esklużi mill-Iskema ta' Pagament Uniku għandhom jiġu f'fissati għall-2007.
- (3) L-ammont massimu ta' għajjnuna għall-imsaġar taż-żebbuġ imsemmija f'Artikolu 110i(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi aġġustat skond it-tnaqqis tal-koeffiċjent imsemmi fit-tielet subtitlu ta' l-istess dispożizzjoni u għall-ammont miżmum skond Artikolu 110i(4), notifikat mill-Istati Membri konċernati. Il-limiti massimi nazzjonali ta' l-Anness VIIIa għal dak ir-Regolament għandhom jiġu aġġustati kif meħtieġ.
- (4) Għall-fini ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġu ppubblikati l-limiti baġitarji għall-Iskema ta' Pagament Uniku għas-sena 2007 wara t-tnaqqis, mill-limiti ta' l-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fl-2007, tal-limiti stabbiliti għall-pagamenti imsemmija f'Artikoli 66 sa 70 ta' dak ir-Regolament.
- (5) Għall-Istati Membri li fl-2007 jimplementaw l-Iskema ta' Pagament Uniku, stabbilita bit-Titlu IVa tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-pakketti finanzjarji annwali għall-2007 għandhom jiġu f'fissati skond Artikolu 143(b) ta' dak ir-Regolament.
- (6) Għall-fini ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġu ppubblikati l-limiti massimi tal-fondi disponibbli għall-Istati Membri li japplikaw għall-Iskema ta' Pagament Uniku għall-għoti ta' pagamenti separati għaz-zokkor fl-2007 skond Artikolu 143ba tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 stabbiliti abbażi tan-notifiki tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2013/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 13).

**▼B**

- (7) L-ammont massimu ta' għajnuna mill-Komunità għall-iffinanzjar ta' programmi ta' ħidma mfassla minn organizzazzjonijiet ċertifikati ta' operaturi fis-settur taż-żejt taż-żebuga għandu jiġi dikjarat, skond il-koeffiċjent applikat għall-ammont miżmum skond Artikolu 110i(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, notifikat mill-Istati Membri konċernati.
- (8) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għandu jiġi emendat kif meħtieġ.
- (9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-Ħlasijiet Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-limiti baġitarji għall-2007 msemija f'Artikoli 66 sa 69 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma stipulati f'Anness I ta' dan ir-Regolament.
2. Il-limiti baġitarji għall-2007 msemija f'Artikoli 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma stipulati f'Anness II ta' dan ir-Regolament.
3. Il-limiti baġitarji għall-Iskema ta' Pagament Uniku għall-2007 msemija f'Titlu III tar-Regolament (KE) Nru. 1782/2003 huma stipulati f'Anness III ta' dan ir-Regolament.
4. Il-pakketti finanzjarji annwali għall-2007 msemija f'Artikolu 143b(3) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huma stipulati f'Anness IV ta' dan ir-Regolament.
5. L-ammonti massimi ta' fondi disponibbli għar-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja, għall-għoti ta' ħlas separat għaz-zokkor fl-2007, kif imsemija f'Artikolu 143b(4) tar-Regolament (KE) Nru. 1782/2003 huma stipulati f'Anness IV ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-ammont massimu ta' għajnuna mill-Komunità għall-iffinanzjar ta' programmi ta' ħidma mfassla minn organizzazzjonijiet ta' operaturi ċertifikati fis-settur taż-żejt taż-żebuga skond l-Artikolu 110i(4) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandu jkun kif ġej:

	<i>EUR miljuni</i>
Il-Greċja	11,098
Franza	0,576
L-Italja	35,991

*Artikolu 3*

Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 110i(3), it-tabella tinbidel b'din it-tabella:

	<i>“EUR miljuni</i>
Spanja	103,14
Ċipru	2,93”

- (2) F'Anness VIIIa, il-kolonna li jikkonċernaw lil Malta u lis-Slovenja jinbidlu b'dan li ġej:

**▼B**

“Sena Kalendarja	Malta	Is-Slovenja
2005	670	35 800
2006	830	44 184
2007	1 668	59 026
2008	2 085	73 618
2009	2 502	87 942
2010	2 919	101 959
2011	3 336	115 976
2012	3 753	129 993
2013	4 170	144 110
2014	4 170	144 110
2015	4 170	144 110
2016 u s-snin ta' wara	4 170	144 110”

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



▼ **M1**

## ANNEX II

**LIMITI BAĠITARJI GĦALL-PAGAMENTI DIRETTI LI GĦANDHOM JINGĦATAW  
SKOND ID-DISPOŻIZZJONIJIET TA' L-ARTIKOLU 70 TAR-REGOLAMENT (KE) Nru  
1782/2003**

Sena kalendarja 2007

*(ammonti f'eluf ta' euro)*

	Il-Belġju	Il-Greċja	Spanja	Franza	L-Italja	L-Olanda	Il-Portugall	Il-Finlandja
L-Artikolu 70(1)(a)								
Għajjnuna għaż-żrie- ragħ	1 397	1 400	10 347	2 310	13 321	726	272	1 150
L-Artikolu 70(1)(b)								
Pagamenti għall- għejejjel li jinħartu			23					
Għajjnuna għal-legumi tal-ħbub			1					
Għajjnuna speċifika għall-għejejjel tar-ross				3 053				
Għajjnuna għat-tabakk							166	
Primjums għall- prodotti tal-ħalib							12 608	
Pagamenti supplimen- tari għall-produtturi tal-ħalib							6 254	

▼ B

## ANNEX III

## LIMITI BAĠITARJI GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU

Sena Kalendarja 2007

(Ammont f'EUR miljuni)

Stat Membru	
Il-Belġju	488 660
Id-Danimarka	987 356
Il-Ġermanja	5 693 330
Il-Greċja	2 069 049
Spanja	3 542 583
Franza	6 107 448
L-Irlanda	1 337 919
L-Italja	3 612 988
Il-Lussemburgu	37 051
Malta	1 668
L-Olanda	730 632
L-Awstrija	643 956
Il-Portugall	► <u>MI</u> 413 774 ◀
Is-Slovenja	50 454
Il-Finlandja	521 285
L-Iżvezja	714 201
Ir-Renju Unit	3 931 186

**▼ B***ANNEX IV***PAKKETTI FINANZJARJI ANNWALI GĦALL-ISKEMA TA'  
PAGAMENT UNIKU****Sena Kalendarja 2007***(Ammont f'EUR miljuni)*

Stat Membru	
Il-Bulgarija	202 097
Ir-Repubblika Ċeka	355 384
L-Estonja	40 503
Ċipru	19 439
Il-Latvja	55 815
Il-Litwanja	147 781
L-Ungerija	509 562
Il-Polonja	1 145 834
Ir-Rumanija	440 635
Ir-Repubblika Slovakka	147 342



▼B

## ANNEX V

**L-AMMONT MASSIMU TA' FONDI DISPONIBBLI GĦALL-ISTATI  
MEMBRI GĦALL-GĦOTI TA' PAGAMENTI SEPARATI GĦAŻ-  
ZOKKOR IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 143ba TAR-REGOLAMENT  
(KE) Nru 1782/2003**

**Sena Kalendarja 2007**

*(Ammont f'EUR miljuni)*

Stat Membru	
Ir-Repubblika Ċeka	24 490
Il-Latvja	5 164
Il-Litwanja	8 012
L-Ungerija	31 986
Il-Polonja	122 906
Ir-Rumanija	1 930
Ir-Repubblika Slovakka	14 762